



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel*

---

**2012/2323(INI)**

29.5.2013

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

għall-Kumitat għall-Affarijiet Legali

dwar segwitu dwar id-delega ta' setgħat leġiżlattivi u l-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni

(2012/2323(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Matthias Groote

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li d-delega tas-setgħa lill-Kummissjoni mhijiex sempliċement kwistjoni teknika iżda tista' tinvolvi kwistjonijiet ta' sensitività politika ta' importanza konsiderevoli għaċ-ċittadini u għall-konsumaturi tal-UE, inklużi l-awtorizzazzjoni ta' dikjarazzjonijiet dwar is-saħħa u n-nutrizzjoni, l-addittivi tal-ikel u s-sustanzi kimiċi attivi, it-tikkettar tal-ikel, id-definizzjoni ta' xarbiet u oġġetti tal-ikel, u l-funzjonament tal-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS);
2. Jenfasizza li d-delega tas-setgħa hija għażla għall-Parlament bħala koleġiżlatur, li għandu jeżerċita b'attenzjoni fuq il-bażi ta' każ każ filwaqt li jikkunsidra l-ħtieġa li jissalvagwardja l-prerogattivi tiegħu u li jiżgura t-trasparenza, il-konsistenza u ċ-ċertezza legali fit-tfassil tal-liġijiet tal-UE;
3. Ifakkar li "huwa ċar mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat li atti delegati u atti ta' implimentazzjoni qed iwiegħu għal ħtiġijiet differenti u għalhekk ma jistgħux jiġu sostitwiti wieħed b'ieħor<sup>1</sup>;
4. Jinsisti li, fil-kuntest ta' kull allinjament wara Lisbona ta' att leġislattiv, dawk il-miżuri li qabel kienu soġġetti għall-proċedura regolatorja bi skrutinju għandhom isiru b'mod ċar atti delegati, u mhux atti ta' implimentazzjoni, peress li l-atti delegati huma previsti eżattament għall-istess raġuni bħal miżuri suġġetti għall-proċedura regolatorja bi skrutinju (jiġifieri, biex jadottaw miżuri ta' skop/applikazzjoni ġenerali ddisinjati biex jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġislattiv), sakemm ma jkunx eċċezzjonalment ġustifikat; iqis li tali ġustifikazzjonijiet għandhom jiġu evalwati f'perjodu ta' żmien raġonevoli, filwaqt li jitqiesu l-limiti ta' żmien applikabbli fi proċeduri leġislattivi;
5. Jikkritika bil-qawwa lill-Kunsill għat-tentattivi sistematiċi tiegħu mhux biss li jevita assolutament l-atti delegati fil-leġislazzjoni l-ġdida, iżda anke biex imur lura għall-proċedura ta' allinjament qabel Lisbona billi jipprova indebitament jitransforma miżuri soġġetti għall-proċedura regolatorja bi skrutinju f'atti ta' implimentazzjoni, f'atti ta' allinjament wara Lisbona; jistieden lill-Kunsill jirrispetta d-dispożizzjonijiet tat-Trattat fir-rigward tan-natura distinta b'mod ċar tal-atti delegati meta mqabbla mal-atti ta' implimentazzjoni;
6. Iqis li filwaqt li deċiżjoni li ma jiġux iddelegati ċerti elementi mhux essenzjali – u li minflok tinżamm kwalunkwe bidla għalihom fil-proċedura leġislattiva ordinarja – tista' tkun soluzzjoni adegwata f'xi każijiet (billi tirrispetta l-prerogattivi kemm tal-Kunsill kif ukoll tal-Parlament), ma tkunx xierqa f'każijiet oħra meta tkun sproporzjonata għan-natura tal-element mhux essenzjali li se jiġi emendat, u għalhekk, fil-fatt, tostakola lil dawk li jistgħu jkunu wkoll adattamenti importanti;

<sup>1</sup> 'Handbook on Delegated Acts/Implementing Acts', DG IPOL, Frar 2013, p. 16.

7. Iqis li, sabiex tissaħħaħ il-pożizzjoni tar-rapporteurs tiegħu fin-negozjati leġiżlattivi, għandu jsir rikors aktar għall-Artikolu 37a tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu; jenfasizza li huwa għalkollox fid-diskrezzjoni tal-leġiżlatur biex jiddeċiedi, minn fost l-elementi mhux essenzjali tal-att bażiku, liema għandhom jiġu rregolati permezz ta' delega tas-setgħat lill-Kummissjoni u liema għandhom jibqgħu rregolati fil-livell leġiżlattiv; jemmen li elementi politikament importanti, bħal listi tal-Unjoni jew reġistri ta' prodotti jew sustanzi, għandhom jibqgħu parti integrali mill-att bażiku – meta jkun xieraq fil-forma ta' Annessi; jenfasizza li l-ħolqien ta' listi indipendenti għandu jkun evitat fl-interess taċ-ċertezza legali;
8. Jitlob lis-Segretarju Ġenerali jħejji studju dwar ir-riżultati ta' negozjati leġiżlattivi bejn il-Parlament u l-Kunsill li jinvolvu l-kwistjoni ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni, bil-għan li jipprovi konsulenza u linji gwida dwar l-aħjar prattiki għal rapporteurs u persuni oħra involuti f'negozjati fil-futur;
9. Huwa tal-fehma li l-prassi attwali tal-Kummissjoni fir-rigward tat-trażmissjoni u l-iffajljar tal-atti delegati u l-aġendi u d-dokumenti li jikkonċernaw laqgħat preparatorji hija anqas żviluppata sew milli għall-atti ta' implimentazzjoni u ma tirrappreżentax mekkaniżmu xieraq fit-tifsira tal-Ftehim Komuni dwar l-Atti Delegati; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura mill-aktar fis possibbli li jiġi pprovdut tal-anqas l-istess livell ta' informazzjoni u trasparenza bħal fil-każ tar-reġistru eżistenti tal-komitoloġija;
10. Huwa tal-fehma li l-arranġamenti attwali li jikkonċernaw is-sorveljanza tiegħu tal-atti ta' implimentazzjoni huma inadegwati u m'għandhomx ikunu limitati għal abbozzi ta' atti; jitlob li l-Artikolu 11 tar-Regolament dwar l-atti ta' implimentazzjoni jiġi emendat sabiex (fil-prinċipju u bl-eċċezzjoni tal-atti adottati għal raġunijiet ta' urġenza) il-Parlament ikollu d-dritt jiskrutinizza att ta' implimentazzjoni fi żmien perjodu ta' xahar wara l-adozzjoni tiegħu.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	29.5.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 36 -: 2 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Elena Oana Antonescu, Sophie Auconie, Sergio Berlato, Lajos Bokros, Franco Bonanini, Yves Cochet, Anne Delvaux, Jill Evans, Elisabetta Gardini, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Karin Kadenbach, Christa Kläß, Eija-Riitta Korhola, Jo Leinen, Corinne Lepage, Peter Liese, Zofija Mazej Kukovič, Linda McAvan, Miroslav Ouzký, Gilles Pargneaux, Pavel Poc, Frédérique Ries, Kārlis Šadurskis, Richard Seeber, Claudiu Ciprian Tănăsescu, Glenis Willmott, Sabine Wils
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Margrete Auken, Philippe Juvin, Alda Sousa, Rebecca Taylor, Marita Ulvskog, Vladimir Urutchev
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Stanimir Ilchev